

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10754/26

AGRILEG 166
PESTICIDE 48

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	17 ta' Ġunju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D108181/06
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-alfa-ċipermetrin u għaċ-ċipermetrin f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D108181/06.

Mehmuż: D108181/06



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2023/1863
(POOL/E4/2023/1863/1863-EN.docx)
D108181/06
[...](2026) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-alfa-ċipermetrin u għaċ-ċipermetrin f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-alfa-ċipermetrin u għaċ-ċipermetrin f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwu ("MRLs") għaċ-ċipermetrin ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Il-grupp ta' ċipermetrini jikkonsisti f'diversi taħlitiet ta' isomeri: ċipermetrin, alfa-ċipermetrin, beta-ċipermetrin, u żeta-ċipermetrin, taħt id-definizzjoni tar-residwu "ċipermetrin (ċipermetrin inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (somma ta' isomeri))". L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonfermat li din id-definizzjoni tar-residwu hija xierqa². F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, iċ-ċipermetrin⁴ huwa approvat fl-

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>.

² L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, Reasoned opinion on the Review of the residue definitions for risk assessment of pyrethroids forming common metabolites; EFSA Journal 2023;21(5):8022, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8022>.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2049 tal-24 ta' Novembru 2021 li jgħed l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċipermetrina bħala kandidat għas-sostituzzjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 420, 25.11.2021, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2049/oj>).

Unjoni, filwaqt li l-alfa-ċipermetrin⁵, il-beta-ċipermetrin⁶ u ż-żeta-ċipermetrin⁷ mhumiex.

- (3) F'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005⁸, l-Awtorità ppubblikat opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-MRLs eżistenti għaċ-ċipermetrin. L-Awtorità identifikat riskji potenzjali fir-rigward tal-MRLs attwali għaċ-ċipermetrini f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: larinġ, sfarġel, għeneb tal-mejda, għeneb tal-inbid, karambola, patata, pitravi, zunnarija, celeriac/krafes bl-għeruoq, zunnarija bajda, ravanell, sassefrika, swedes/rutabagas, ġdur, basal, tadam, bettieħ, brokkli, kaboċċi kkapoċċati, valerjanella/valerjanella tal-Italja, aruka/rukla, mustarda ħamra, krexxuni tal-ilma, maxxita, kurrat selvaġġ, tursin, salvja, ħabaq u fjuri komestibbli, fażola (friska, bl-imwieżed), għads (frisk), spraġ, krafes, rabarbru u ross, fil-każ li r-residwi jikkonsistu f'alfa-ċipermetrin biss, l-aktar kompost tossiku. Filwaqt li approċċ possibbli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi jkun li jitbaxxew l-MRLs għaċ-ċipermetrin għal dawk il-prodotti tal-ikel sal-limiti ta' determinazzjoni ("LODs"), il-Kummissjoni hija tal-fehma li approċċ proporzjonat li jiżgura l-protezzjoni tal-konsumaturi huwa li jiġu stabbiliti żewġ settijiet ta' MRLs, wieħed għaċ-ċipermetrin (ċipermetrin inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (somma ta' isomeri)) u ieħor għall-alfa-ċipermetrin. Għalhekk, abbażi ta' talba mill-Kummissjoni, l-Awtorità ressqet dikjarazzjoni dwar l-MRLs għall-alfa-ċipermetrin u skrinjar tal-MRLs eżistenti tal-UE għaċ-ċipermetrin⁹.
- (4) Fir-rigward taċ-ċipermetrin (ċipermetrin inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (somma ta' isomeri)), l-Awtorità kkonkludiet li l-MRLs attwali għaċ-ċipermetrini fil-qamħirrum ħelu, fiż-żerriegħa tal-fidloqqom, fiż-żerriegħa tal-camelina sativa u fil-qannebusa jew fuqhom, abbażi tal-Prattiki Agrikoli Tajbin ("GAPs") attwali awtorizzati fl-Unjoni, huma kkonfermati bħala sikuri għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-MRLs jinżammu fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli eżistenti.
- (5) L-awtorità kkonkludiet ukoll li l-MRLs attwali għaċ-ċipermetrini f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: ġewż tas-siġar, frawli, karambola, durian, okra, fażola (niexfa), għads (niexef), piżelli (nexfin), lupini/fażola tal-lupini (nexfin), karawett, żerriegħa tal-mustarda, żerriegħa tal-għosfor, qamħ saraċin, qamħirrum, millieġ, kardamomu, ħwawar tal-għeruoq u tar-riżomi, kannamieli, xaħam tan-nagħaġ, xaħam tal-mogħoż,

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/795 tas-17 ta' Mejju 2021 li jirtira l-approvazzjoni tas-sustanza attiva alpha-cypermethrin, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 174, 18.5.2021, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/795/oj>).

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1526 tas-6 ta' Settembru 2017 dwar inonapprovazzjoni tas-sustanza attiva beta-ċipermetrina skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 231, 7.9.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1526/oj>).

⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1643 tal-5 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi calcium phosphide, denathonium benzoate, haloxyfop-P, imidacloprid, pencycuron u zeta-cypermethrin (ĠU L 370, 6.11.2020, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1643/oj>).

⁸ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for cypermethrins according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005; EFSA Journal 2023;21(3):7800, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.7800>.

⁹ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, Statement on MRLs for alpha-cypermethrin and screening of the existing EU MRLs for cypermethrin; EFSA Journal. 2025;23:e9386, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9386>.

xaħam tal-ekwini, xaħam/fwied/kliewi/ġewwieni kommestibbli tal-pollam u ħalib tan-nagħaġ/tal-mogħoż/taż-żwiemel, abbażi tal-livelli massimi ta' residwu tal-Codex ("CXLs"), huma kkonfermati bħala sikuri għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-MRLs jinżammu fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli eżistenti f'konformità mal-Artikolu 14(2), il-punt (e), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

- (6) L-Awtorità dderivat ukoll MRLs abbażi tal-GAPs attwali awtorizzati fl-Unjoni għaċ-ċipermetrini f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: żebbuġ tal-mejda, pitravi, zunnarija, celeriac/krafes bl-għeruq, għerq tal-mustarda, artiċokks, zunnarija bajda, tursin tuberuż, ravanell, sassefrika, swedes/rutabagas, ġdur, basal, krexxuni, krexxuni tal-art, ħxejjex tal-weraq żgħir, krexxuni tal-ilma, maxxita, kurrat selvaġġ, weraq tal-karfus, tursin, salvjja, klin, timu, ħabaq u fjuri kommestibbli, weraq tar-rand, stragun u żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt f'livelli li huma oġhla mil-livelli attwali u huma kkonfermati bħala sikuri għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli identifikati mill-Awtorità.
- (7) Barra minn hekk, l-Awtorità dderivat MRLs abbażi tas-CXLs attwali għaċ-ċipermetrini f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: kumquat, weraq tal-għeneb, spraġ, fażola tas-sojja, infużjonijiet erbali mill-ġinseng, bżar tal-Ġamajka/allspice, bżar tas-sichuan, karwija, frott tal-ġnibru, boċċi tal-bżar, vanilja u tamarind f'livelli li huma oġhla mil-livelli attwali u huma kkonfermati bħala sikuri għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli identifikati mill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 14(2), il-punt (e), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (8) L-Awtorità dderivat ukoll MRL ibbażat fuq il-GAP attwali awtorizzat fl-Istati Uniti għaċ-ċipermetrini fis-sorgu jew fuqu, f'livell li huwa oġhla mil-livelli attwali u huwa kkonfermat bħala sikur għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRL għas-sorgu jiġi stabbilit fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.
- (9) L-Awtorità rakkomandat li jitbaxxew l-MRLs eżistenti għaċ-ċipermetrini f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: patata ħelwa, brunġiel, tewm, xalotti, valerjanella/valerjanella tal-Italja, aruka/rukla, mustarda ħamra u għeruq taċ-ċikwejra, abbażi tal-GAPs attwali awtorizzati fl-Unjoni li huma kkonfermati bħala sikuri għall-konsumaturi, u bil-ħsieb li jiġu stabbiliti MRLs f'livelli baxxi kemm jista' jkun raġonevolment possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli identifikati mill-Awtorità.
- (10) L-Awtorità rakkomandat ukoll li jitbaxxew l-MRLs eżistenti għaċ-ċipermetrini f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: larinġ, grapefruit, lumi, xkomp, mandolin, ħjar tal-pikles, qara' aħmar, dullieġh, għeruq tal-kassava/manjoka, jammijiet, ararut, qaqoċċ, żerriegħa tal-kittien, żerriegħa tal-peprin, ġulġlien, żerriegħa tal-ġirasol, żerriegħa tal-lift, kafeni, pitravi taz-zokkor, fwied/ġewwieni kommestibbli tal-ħnieżer, fwied/kliewi/ġewwieni kommestibbli tal-bovini, muskoli/fwied/kliewi/ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ, muskoli/fwied/kliewi/ġewwieni li jittiekel tal-mogħoż, muskoli/fwied/kliewi/ġewwieni li jittiekel tal-ekwini, muskoli tal-pollam u bajd tal-għasafar, li huma kkonfermati bħala sikuri għall-konsumaturi, f'konformità mas-CXLs attwali u bil-ħsieb li l-MRLs jiġu stabbiliti f'livelli baxxi kemm jista' jkun raġonevolment possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu

stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli identifikati mill-Awtorità.

- (11) L-Awtorità rakkomandat ukoll li jitbaxxa l-MRL attwali għaċ-ċipermetrini fuq iż-żerriegħa tal-qoton, li huwa kkonfermat li huwa sikur għall-konsumaturi, abbażi tal-GAP attwali awtorizzat fl-Istati Uniti u bil-ħsieb li jiġu stabbiliti MRLs f'livelli baxxi kemm jista' jkun raġonevolment possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs għaż-żerriegħa tal-qoton jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.
- (12) Filwaqt li jeżistu CXLs għar-residwi ta' xi isomeri taċ-ċipermetrin f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: sfarġel, naspli, loquats/naspli tal-Ġappun, għeneb tal-mejda, għeneb tal-inbid, patata, tadam, ħjar, zukkini, bettieħ, brokkli, kaboċċi kkapoċċati, pastard, kaboċċi ta' Brussell, kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai, kales, witloofs/indivja tal-Belġju, fażola (friska, bl-imwieżed), fażola (friska, bla mwieżed), piżelli (friski, bl-imwieżed), piżelli (friski, bla mwieżed), xgħir, ħafur, ross, segala, qamħ, muskoli/xaħam tal-ħnieżer, muskoli tal-bovini, xaħam tal-bovini u ħalib tal-ifrat, l-Awtorità ma setgħetx tikkonferma dawn is-CXLs bħala sikuri għall-konsumaturi. L-Awtorità rakkomandat li jitbaxxew l-MRLs attwali għaċ-ċipermetrini f'dawn il-prodotti jew fuqhom għal-livelli li huma kkonfermati li huma sikuri għall-konsumaturi, abbażi tal-GAPs attwali awtorizzati fl-Unjoni u bil-ħsieb li jiġu stabbiliti MRLs f'livelli baxxi kemm jista' jkun raġonevolment possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli identifikati mill-Awtorità.
- (13) L-Awtorità identifikat riskji inaċċettabbli dwar l-MRLs u s-CXLs attwali għaċ-ċipermetrini għal dawn il-prodotti li ġejjin: tuffieħ, lanġas, berquq, ċirasa, ħawħ, għanbaqar, tut, lampun, liċċi/lychees, mango, papaja, bżar ħelu, kohlrabi, ħass, esacrole/indivja tal-weraq wiesa', spinaċi, burdliq, chard/weraq tal-pitravi, kurrat, tejiet u ħops. L-Awtorità kkonsultat lill-Istati Membri u talbithom jirrapportaw GAPs ta' riżerva potenzjali għal dawn il-prodotti, awtorizzati fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi u diġà evalwati fil-livell tal-Istati Membri, li ma jwasslux għal riskju inaċċettabbli għall-konsumaturi. Madankollu, ma ġew identifikati l-ebda GAPs ta' riżerva. Għalhekk, l-MRLs għaċ-ċipermetrini għal dawn il-prodotti jenħtieġ li jitbaxxew għal-LODs speċifiċi għall-prodott fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (14) Billi l-Awtorità identifikat li ma kienet disponibbli l-ebda prova tar-residwi biex jiġu derivati l-valuri tal-MRLs għaċ-ċipermetrin f'dawn il-prodotti li ġejjin jew fuqhom: basal tar-rebbiegħa, għads (frisk), kardun, krafes, bużbież ta' Firenze, rabarbru, rimi tal-pjanta tal-bambù, qlub tal-palm u infużjonijiet erbali mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi, kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Barra minn hekk, għall-għads (frisk), l-Awtorità kkonkludiet li s-sikurezza tas-CXL ma setgħetx tiġi kkonfermata. Fin-nuqqas ta' provi tar-residwi, li huma meħtieġa biex jinkiseb valur tal-MRL, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jixraq li l-MRLs għal daww il-prodotti jiġu stabbiliti fl-LODs speċifiċi għall-prodott stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (15) Għaċ-ċawsli iswed, għall-faqqiegħ selvaġġ u għall-komoditajiet minn annimali terrestri mrobbija oħrajn, li għalihom l-MRLs għaċ-ċipermetrin kienu bbażati fuq użi fl-Unjoni li ma għadhomx awtorizzati u li għalihom la hemm CXLs u lanqas tolleranzi tal-importazzjoni, jixraq li l-MRLs għaċ-ċipermetrin jitbaxxew għal-LODs speċifiċi għall-prodott fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 mingħajr ma tintalab l-opinjoni tal-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

- (16) L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-kaboċċi ta' Brussell, għall-krexxuni, għall-krexxuni tal-art u għaż-żerriegħa tal-qoton xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġer tar-riskju. Billi xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi għall-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, dwar il-provi tar-residwi għall-kaboċċi ta' Brussell, għall-krexxuni u għall-krexxuni tal-art, u dwar l-istabbiltà fil-ħżin għaż-żerriegħa tal-qoton meħtieġa biex jiġu vvalutati r-riskji potenzjali mir-residwi taċ-ċipermetrin f'dawn il-prodotti jew fuqhom ma kinitx disponibbli, l-MRLs il-ġodda għal dawn il-pjanti jenħtieġ li jiġu rieżaminati. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (17) Barra minn hekk, għat-te, għall-infużjonijiet erbali mill-fjuri u għall-infużjonijiet erbali mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi, id-data ta' monitoraġġ reċenti turi li għad qed ikun hemm residwi taċ-ċipermetrini. Hija meħtieġa aktar data ta' monitoraġġ biex tiġi vvalutata l-evoluzzjoni tal-okkorrenza taċ-ċipermetrini u jekk l-operaturi tan-negożju tal-ikel ħadux miżuri effettivi biex jevitaw il-kontaminazzjoni kroċjata, eż. l-evitar tal-kontaminazzjoni kroċjata mid-deriva sprejjata. Għalhekk, l-MRLs għal dawn il-prodotti jenħtieġ li jiġu rieżaminati. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien 3 snin mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (18) Għall-alfa-ċipermetrin, l-Awtorità pproponiet MRLs ibbażati fuq il-livelli ta' alfa-ċipermetrin ikkalkulati billi jiġu applikati fatturi ta' konverżjoni għall-użi taċ-ċipermetrini meqjusa fir-rieżami tal-MRLs eżistenti għaċ-ċipermetrini f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għalhekk, dawn l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livelli identifikati mill-Awtorità.
- (19) Fir-rigward tar-residwi tal-alfa-ċipermetrin u taċ-ċipermetrin fi prodotti jew fuqhom li għalihom ma huma awtorizzati l-ebda GAPs fl-Unjoni, u ma jeżistu la CXLs u lanqas tolleranzi tal-importazzjoni, l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-LODs speċifiċi għall-prodott, jew jenħtieġ li japplikaw l-MRLs prestabbiliti, kif previst fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (20) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi rigward il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti LODs. Dawk il-laboratorji pproponew LODs speċifiċi għall-prodott li jistgħu jinkisbu b'mod analitiku.
- (21) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u tqiesu l-kummenti tagħhom.
- (22) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (23) Sabiex ikun jistgħu jseħħu l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq fl-Unjoni qabel ma bdew japplikaw l-MRLs il-ġodda għall-alfa-ċipermetrin u għaċ-ċipermetrini u li għalihom huwa żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Dan huwa l-każ għall-prodotti kollha, ħlief għall-prodotti li ġejjin: grapefruit, larinġ, lumi, xkomp, mandolin, tuffieħ, lanġas, sfarġel, naspli, loquats/naspli tal-Ġappun, berquq, ċirasa (ħelwa), ħawħ, għanbaqar, għeneb tal-mejda, għeneb tal-inbid, tut, lampun (aħmar u isfar), kaki, frott tal-kiwi (aħdar, aħmar, isfar), liċċi/lychees, kaki tal-Virġinja, avokado, banana, mango, papaja, rummien, ananas, jammijiet, basal, tadam, bżar ħelu, brunġiel, ħjar, zukkini, bettieħ, qara' aħmar, dulliegħ, brokkli, pastard, kaboċċi ta' Brussell, kaboċċi kkapoċċati, kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai, kales, kohlrabi, valerjanella/valerjanella tal-Italja, ħass, escaroles/indivja tal-weraq wiesa', aruka/rukla,

mustarda ħamra, spinaċi, burdliċ, chard/weraq tal-pitravi, witloofs/indivja tal-Belġju, fażola (friska, bl-imwieżed u bla mwieżed), piżelli (friska, bl-imwieżed u bla mwieżed), għads (frisk), krafes, qaçoċċ, kurrat, rabarbru, faqqiegħ selvaġġ, xgħir, ħafur, ross, segala, qamħ, tejjiet, ħops, muskoli tal-ħnieżer, xaħam tal-ħnieżer, muskoli tal-bovini, xaħam tal-bovini, fwied tal-bovini, ġewwieni kommestibbli u ħalib tal-bovini.

- (24) Jenħtieġ li jiġihalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdedw japplikaw l-MRLs il-ġodda, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs għaċ-ċipermetrini.
- (25) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jkompli japplika għall-prodotti li ġew introdotti fis-suq fl-Unjoni qabel [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], ħlief għall-prodotti li ġejjin: grapefruit, larinġ, lumi, xkomp, mandolin, tuffieħ, lanġas, sfarġel, naspli, loquats/naspli tal-Ġappun, berquq, ċirasa (ħelwa), ħawħ, għanbaqar, għeneb tal-mejda, għeneb tal-inbid, tut, lampun (aħmar u isfar), kaki, frott tal-kiwi (aħdar, aħmar, isfar), liċċi/lychees, kaki tal-Virġinja, avokado, banana, mango, papaja, rummien, ananas, jammijiet, basal, tadam, bżar ħelu, brunġiel, ħjar, zukkini, bettieħ, qara' aħmar, dullieġ, brokkli, pastard, kaboċċi ta' Brussell, kaboċċi kkapoċċati, kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai, kales, kohlrabi, valerjanella/valerjanella tal-Italja, ħass, escaroles/indivja tal-weraq wiesa', aruka/rukla, mustarda ħamra, spinaċi, burdliċ, chard/weraq tal-pitravi, witloofs/indivja tal-Belġju, fażola (friska, bl-imwieżed u bla mwieżed), piżelli (friska, bl-imwieżed u bla mwieżed), għads (frisk), krafes, qaçoċċ, kurrat, rabarbru, faqqiegħ selvaġġ, xgħir, ħafur, ross, segala, qamħ, tejjiet, ħops, muskoli tal-ħnieżer, xaħam tal-ħnieżer, muskoli tal-bovini, xaħam tal-bovini, fwied tal-bovini, ġewwieni kommestibbli u ħalib tal-bovini.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President
Ursula VON DER LEYEN